

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/593****tal-5 ta' April 2016****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Olive de Nîmes (DOP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' orġini protetta "Olive de Nîmes", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2010 <sup>(2)</sup>.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar id-denominazzjoni "Olive de Nîmes" (DOP) hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2010 tal-4 ta' Novembru 2010 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' orġini protetta u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Olive de Nîmes (DOP)] (ĠUL 288, 5.11.2010, p. 12).<sup>(3)</sup> ĠU C 358, 30.10.2015, p. 11.